# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis 1 ta' Frar, 2001 .**

**Citazzjoni numru : 66/00G1(PC)**

Tasika Auto Limited .

vs

Jason Mizzi .

Il-Qorti ,

Rat ic-Citazzjoni li permezz taghha s-socjeta' attrici, wara li ippremettiet :

Illi l-atturi bieghu lill-konvenut karrozza Mercedez Benz bin-numru tar-registrazzjoni V 2425, bis-sistema ta' "hire purchase" skond ma jirrizulta mid-dokument "A" hawn anness .

Illi ghalkemm il-konvenut ghamel xi pagamenti akkont skond ma jigi dettaljatament privat waqt it-trattazzjoni tal-kawza waqaf milli jkompli jhallas u ghalhekk baqa' inadempjenti u kiser it-terminu tal-kuntratt .

Illi l-atturi regghu rkupraw il-vettura minghand il-konvenut u issa dan qed jippretendi li l-atturi ghandhom jirrifondu lura lilu il-flus li hallas inkluz ukoll kumpens ta' miljoramenti li allegatament ghamel fuq il-vettura .

Talbet lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lill-konvenut inadempjenti di fronti tas-socjeta' attrici billi naqas milli jhallas skond il-ftehim ezistenti bejn il-partijiet .

2. Konsegwentement tiddikjara li l-vettura Mercedes Benz bin-numru tar-registrazzjoni V-2525 kienet u baqghet proprjeta' tas-socjeta' attrici u ghalhekk ghandha tibqa' fil-pussess taghha .

3. Tiddikjara li bhala konsegwenza tal-kuntratt ta' "hire purchase" bejn il-kontendenti, ma hu dovut ebda kumpens favur il-konvenut .

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni .

Rat id-Dikjarazjoni tal-fatti tas-socjeta' attrici, debitament ikkonfermata bil-gurament ta' Carmel Camilleri .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. Illi preliminarjament, l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti peress illi l-eccipjent jirrisjedi Malta u konsegwentement huwa ghandu dritt li jigi mharrek quddiem il-Qorti tal-Gzira ta' Malta fejn jinsab joqghod .

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess il-kawza kif proposta hija guridikament improponibbli peress illi hija ntiza biex tipprova tinnewtralizza kawza ohra (c-citazzjoni numru 241/98MM) pendenti fuq l-istess mertu bejn l-istess partijiet izda fl-ismijiet inversi u li fiha s-socjeta' attrici (konvenuta fil-kawza l-ohra msemmija) waqghet kontumaci .

3. Illi wkoll bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi l-ftehim iffirmat ma kienx dak ta' "hire purchase" izda ta' tpartit u bejgh b'dilazzjoni ghall-pagament tal-bilanc .

4. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu t-talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda bl-ispejjez peress illi l-partijiet kienu xoljew il-ftehim ghalkemm anki hawn is-socjeta' attrici naqset li zzomm il-parti taghha u tirrifondi lill-eccipjent il-prezz imhallas in akkont u l-hlas tal-kumpens ghall-miljoramenti li l-eccipjent kien ghamel fil-karrozza ukien ghalhekk li l-eccipjent istitwixxa l-kawza l-ohra msemmija, c-citazzjoni numru 241/98MM .

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat il-verbal tad-19 ta' Ottubru 2000 fejn din il-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-'privilegium fori' .

Rat l-atti l-ohra tal-kawza, inkluza d-deposizzjoni tal-konvenut u d-dokumenti esebiti .

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri rispettivi dwar din l-eccezzjoni .

Ikkunsidrat :

B'din l-eccezzjoni tieghu l-konvenut qed jeccepixxi illi din il-Qorti mhix kompetenti biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici, u hija kompetenti l-Prim'Awla tal-Qorti Civili . Dan isostnieh ghaliex huwa residenti fil-gzira ta' Malta u di piu' jikkontendi li l-obbligazzjoni kellha titwettaq ukoll f'dik il-gzira .

L-artikoli rilevanti ghal din l-eccezzjoni huma l-art. 741(c) tal-Kap. 12 dwar il-beneficcju tal-konvenut li jigi msejjah quddiem Qorti partikolari, u l-artikolu 767 ta' l-istess Kodici li jaghti dan il-beneficcju lill-residenti maltin rigward il-Qrati ta' dik il-gzira . Fil-kaz in ezami rrizulta ampjament illi l-konvenut huwa residenti fil-gzira ta' Malta u ilu hekk ghal aktar minn disa' u ghoxrin sena . 'Prima facie' ghalhekk il-Qorti kompetenti kellha tkun dik ta' Malta .

Jibqa' ghalhekk sabiex jigi stabilit jekk a tenur ta' l-artikolu 770 tal-Kap. 12 ukoll, dan il-privilegg tal-konvenut li jigi

mharrek fil-gzira ta' Malta jispiccax minhabba li l-kawza tkun dwar obbligazzjoni li skond il-ftehim kellha tigi esegwita fi gzira partikolari (ara f'dan ir-rigward Kollez. Vol. XXXVII. P. I . p.59; Vol. XXVIII. P. III. p. 1114; Vol. XIX. P. III. p. 35; Vol. XXX. P.I. p. 1004; Vol. XXXI. P. II. p. 772). Fit-trattazzjoni orali tieghu id-difensur tal-konvenut iccita s-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fil-kawza "Joseph Aquilina nomine v. Richard dei Conti Stagno Navarra" moghtija fit-22 ta' Novembru 1995 (Kollez. Vol. LXXIX. Pt. II. p. 661 et. seq. ) . F'dik il-kawza pero' l-Qorti, billi l-konvenut kien residenti Malta u l-obbligazzjoni kellha titwettaq f'dik il-gzira, ma laqghetx l-eccezzjoni tal-konvenut li ppretenda li kellu jigi mharrek quddiem din il-Qorti .

Fil-kaz prezenti insibu illi l-kwistjoni pendenti bejn il-kontendenti, tirrigwarda negozju ta' tpartit u xiri bis-sistema tal-'hire purchase' ta' karozza . Irrizulta mid-depozizzjoni tal-konvenut illi dan biegh il-karozza tieghu lid-ditta attrici . Ir-rikavat, mizjud ma' somma fi flus kontanti, kellhom jaghmlu tajjeb bhala 'deposit' fuq il-prezz ta' karozza tat-tip Mercedes mixtrija bis-sistema ta' 'hire purchase' minghand l-istess ditta attrici . Fil-fatt lahqu anke saru numru ta' pagamenti ta' kambjali a tenur ta' dan il-ftehim . Il-konvenut ipprova jaghmel kapital mill-fatt illi l-Mercedes gabarha minn Malta u mhux minghand id-ditta attrici .

Madankollu huwa evidenti li ghal dak li jirrigwarda l-konvenut, in-negozju kollu rigward ix-xiri ta' din il-vettura sar bejnu u d-ditta attrici . Is-sede tad-ditta attrici huwa f'din il-gzira, kif jirrizulta mill-indirizz taghha moghti fuq ic-citazzjoni . Il-bejgh tal-karozza li kellu qabel il-konvenut sar hawn Ghawdex, il-flus imhallsa akkont thallsu hawn Ghawdex ukoll u l-pagamenti ratejali tal-kambjali kienu jsiru hawn Ghawdex jew jintbaghatu lid-ditta attrici fl-indirizz taghha hawn Ghawdex . Huwa ovvju ghalhekk illi l-preponderanza tal-obbligazzjonijiet rigward dan in-negozju kellhom jitwettqu f'Ghawdex . M'ghandu jaghmel ebda differenza l-fatt incidentali illi, peress li l-Mercedes kienet registrata Malta, it-transfer tal-licenzja kellu jsir Malta wkoll.

Ghal dawn il-motivi, tichad din l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar l-inkompetenza u thalli l-kawza ghall-kontinwazzjoni .

L-ispejjez ta' din l-eccezzjoni ghandhom jigu ssoportati mill-konvenut .

(ft) Paul Coppini
Magistrat .
(ft) Francis Attard
Deputat Registratur .

Vera Kopja

Ghar-Registratur .
S6600Pc
1038